**15. Il-Prim Ministru Onor. Eddie Fenech Adami ppropona:-**

Billi skont l-Artiklu 25 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill għandha tikkonsisti f'Rappreżentanti u Sostituti tagħhom ta' kull Parlament li hu Membru tal-Kunsill, liema Rappreżentanti u Sostituti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-Artiklu 26 tal-istess Statut jistabbilixxi li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta li jista' jkollhom tliet sostituti tagħhom;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar lil dawn bħala r-Rappreżentanti tagħha:

1. L-Onor Joseph Psaila Savona M.P.
2. L-Onor John Vella M.P.
3. L-Onor Vincent Moran M.P.

U illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

1. L-Onor Tonio Borg M.P.
2. L-Onor Josef Bonnici M.P.
3. L-Onor John Attard Montalto M.P.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut tiegħu tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

Illi l-Onorevoli Membri, hekk maħtura għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw rapport lill-Kamra, u jekk ikun il-każ rapport ta' Minoranza wkoll, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perijodu; u kopja ta' dan ir-Rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u tkun ċirkolata lill-Onorevoli Membri.

08.04.1992